# M I N U T I

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## It-Tmien Leġiżlatura

## Laqgħa Numru 26

9 ta' Novembru 2020

Is-sitta u għoxrin (26) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2020 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Floriana, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana.

Preżenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

Skużati:-

Membri tal-Pubbliku 0

Uffiċjal Preżenti :-

Kevin Borg Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 26.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

26.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 26.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

26.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-ħamsa u għoxrin (25) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

26.2.2. Il-Viċi Sindku GD ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (GD, JAE, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (VB)

26.2.3. Il-Kunsillier VB informa li r-raġuni għalfejn kien qed jastjeni kienet minħabba li ma kienx preżenti għall-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

26.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 25.2.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-isleeping policeman u s-sinjali fit-Telgħa tal-Kurċifiss u Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku nformat li ma kien hemm l-ebda żvilupp.

26.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 25.2.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-istop sign li hemm bżonn li ssir fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq San Publju. Is-Sindku nformat li ma kien hemm l-ebda żvilupp u qalet li għandha tkellem lill-kuntrattur.

26.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 25.5.2 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-kwistjoni tal-Fosos. Is-Sindku wieġbet li ma kienet irċeviet l-ebda korrispondenza.

26.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 25.5.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-fanali ta' fuq il-Fosos. Id-DSE qal li tkellem ma' Lionel Gerada u nformah li għandu jiċċekkja min-naħa tiegħu.

26.2.8. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 25.3.8 u staqsa jekk kienx hemm progress. Is-Sindku qalet li kien ġie jkejjel il-Perit biex ikun jista' jiffinalizza l-applikazzjoni biex isir il-lift fid-Dar tal-Kunsill.

26.2.9. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 25.3.9 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-proġett slow streets. Is-Sindku qalet li l-Perit għandu jibda' l-istudju neċessarju appena jingħata d-depożitu, liema pagament kien qiegħed fuq l-iskeda tal-pagamenti tal-istess laqgħa.

**Nota: 17:05 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.**

26.2.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-baġit 2021 u qalet li kienet tinsab kuntenta li ġie msemmi it-trasport tal-massa li ser ikun qed jaffettwa lokalitajiet bħall-Floriana. Hija qalet li dan kien sinjal tajjeb u tinsab kuntenta li l-Gvern kien qed iħares lejn it-trasport in ġenerali.

26.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

26.3.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien beda' t-tiżjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna.

26.3.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienu waslu l-kotba ta' Ktieb Teżor li kienu ġew ordnati wara l-aħħar laqgħa.

26.3.3. Is-Sindku DSH qalet li l-isleeping policemen li kien għad fadal jitwaħħlu ħdejn il-Knisja, fi Triq San Publju u Taħt il-Forka, kienu twaħħlu.

26.3.4. Is-Sindku DSH ressqet ilment dwar klieb li qed jitħallew jidħlu fil-piċċ sintetiku taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u jitħallew jiġru mingħajr ċinga. Hija qalet li l-Kunsill kien talab kjarifika mingħand il-Pulizija dwar dawn l-ilmenti fejn il-Pulizija kienu rreferew għal-LS 312.01 dwar il-kontroll tal-klieb li tistipula li l-ebda kelb ma jista' jitħalla mingħajr ċinga fil-pubbliku.

26.3.4.1. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jagħmel tabelli ġodda li jindikaw li l-klieb ma jistgħux jidħlu fil-piċċ sintetiku u li l-klieb li jidħlu fil-ġnien għandhom ikunu dejjem fuq iċ-ċinga. Il-Kunsillier JAE ppropona li t-tabelli jsiru kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

26.3.5. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Surmast tal-iSkola Primarja fejn talab lill-Kunsill jikkunsidra li jerġa' jsir l-isem tal-iskola fuq perspex bħalma kien oriġinarjament. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li tali rikjesta ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u għalhekk qabel li għandu jirreferih għad-Dipartiment tal-Edukazzjoni li jkun jista' jiggwidah aħjar.

26.3.6. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn offrew lill-Kunsill biex iġedded il-polza tal-assigurazzjoni tal-impjegati u l-kunsilliera. Il-Kunsilliera JP informat li hi diġà kellha polza tal-assigurazzjoni u għalhekk ma kellix bżonnha. Il-Kunsill innota dan.

26.3.7. Is-Sindku DSH ressqet suġġeriment sabiex isir sleeping policeman fi Pjazza Robert Samut c/w Pjazza Sant'Anna, ħdejn iċ-Chick King. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

26.3.8. Is-Sindku DSH ressqet suġġeriment sabiex isir sleeping policeman fi Triq Sarria, ħdejn iċ-childcare centre. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

26.3.9. Is-Sindku DSH ressqet suġġeriment sabiex jiġi nstallat hand sanitiser awtomatiku quddiem l-antiporta tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li kienet informata li r-Reġjun Xlokk kien ser jipprovdi dawn il-hand sanitiser dispensers huma.

26.3.10. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax Sports Club fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jużaw id-Dar tal-Kunsill meta jkollhom il-logħob. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom u li jinformahom li jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill, xorta waħda għandhom jiċċekkjaw ma' Sports Malta u jsegwu r-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet kollha imposti minnhom.

26.3.11. Is-Sindku DSH ressqet talba għall-permess sabiex jintuża l-Fosos biex jiġi organizzat il-Euro Pride Event 2023. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li jagħti no objection bil-kundizzjoni li r-reklamar jinkludi wkoll il-lokalità tal-Floriana.

**<u>Nota: 17:25 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.</u>**
**<u>17:26 Is-Sindku DSH irritornat għal-laqgħa.</u>**

26.3.12. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand koppja li talbu permess biex dakinhar tat-tieġ tagħhom, it-12 ta' Diċembru 2020, ikunu jistgħu jagħmlu ċelebrazzjoni żgħira quddiem il-Kunvent tal-Kapuċċini. Wara li ddiskuta il-Kunsill ma qabilx minħabba r-restrizzjonijiet preżenti li ma jippermettux li jinġemgħu gruppi ta' aktar minn sitt persuni f'post pubbliku.

26.3.13. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li hi, flimkien mal-Avukat tal-Kunsill, kienu ltaqgħu ma' rappreżentanta tal-ARMS rigward bilanċ pendenti fir-rigward tal-latrina taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V li jittratta xi leakage li kien hemm fi snin preċedenti. Hija qalet li matul din il-laqgħa kienet ġiet argumentata l-kwistjoni tal-preskrizzjoni u min-naħa tagħhom l-ARMS kienu qablu u rrevedew il-bilanċ li issa jaqra €2095.36. Is-Sindku qalet li issa sta għall-Kunsill jiddeċiedi jekk jissetiljax dan il-bilanċ jew jekk jiġġiliedx dan il-bilanċ legalment. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jħallas l-ammont dovut.

26.3.14. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Surmast tal-iSkola Primarja fejn talab li jsir tindif iktar spiss tal-bankina tal-iskola. Huwa talab ukoll sabiex jiġu nstallati żewġ planters quddiem l-entratura tal-iskola kemm biex isebbaħ it-triq kif ukoll biex jiġi evitat li jinġabar skart maġenb il-bieb tal-iskola. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

26.3.15. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk l-isleeping policeman ta' quddiem l-iskola tistax titwessa minħabba li ħafna vetturi, biex jevitaw l-iskoss, jagħfsu fuq il-ġenb tat-triq b'riskju li jiġri xi inċident. Id-DSE wieġeb li l-isleeping policemen kienu fi standard size u li din ma setgħetx titwessa minħabba l-ilma tax-xita fit-triq.

26.3.16. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Freddie Tonna li nforma lill-Kunsill bil-ktieb li jittratta l-Ark Trijonfali li kien inqered fis-sena 2019. Huwa offra lill-Kunsill li jixtri ħamsin kopja tal-ktieb bi prezz ridott. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jixtri għaxar kotba.

26.3.17. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Transport Malta fejn talbet il-kummenti tal-Kunsill dwar talba għal parkeġġi riservati fi Triq Pietro Floriani. Is-Sindku qalet li hi kienet informatha li ma taqbilx mat-talba ladarba dawn diġà kellhom żewġ parkeġġi riservati oħra. Is-Sindku qalet li wara kienu bagħtu korrispondenza oħra fejn talbu permess

li ż-żewġ parkeġġi riservati li diġà għandhom jitneħħew u jitpoġġew quddiem l-uffiċini l-ġodda tagħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni rigward l-ispustjar tal-parkeġġi riservati bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm żieda f'-ispazji.

26.3.18. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand individwu li offra lill-Kunsill sabiex jibda' jagħti lezzjonijiet tat-tennis mingħajr ħlas. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu.

26.3.19. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li s-Sur Haber kien wera l-interess jerġa' jorganizza akkademja tal-futbol fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija ssuġġeriet li l-Kunsill jiltaqa' miegħu biex tiġi diskussa t-talba kif ukoll il-bilanċ pendenti li għandu mal-Kunsill. Is-Sindku tat rendikont ta' x'kien ġara fil-passat u x'wassal għall-bilanċ pendenti li hemm illum. Hija qalet li ma tħossx li għandha toqgħod tiġri għall-flus, li wara kollox huma fondi pubbliċi, u għalhekk fl-opinjoni tagħha ma taqbilx li għandha tiġi kunsidrata din it-talba jekk ma jkunx hemm garanzija tal-flus jew flus bil-quddiem. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu qabel ma jieħu deċiżjoni finali.

26.3.20. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Perit tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-bilanċ li għandhom mal-Kunsill kien għadu pendenti u għalhekk wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jara kif l-aħjar li jipproċedi dwar dan.

26.3.21. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal talba riċenti rigward il-bus shelters fejn il-Kunsill kien approva t-talba ta' Street Media. Is-Sindku qalet li però li wara li tkellmet mal-President tal-AKL, kienet ġiet informata li FACES kellhom kuntratt mal-AKL li kien ikopri l-bus shelters kollha ta' Malta u għalhekk il-Kunsill ma setax japprova kuntrattur ieħor. Għalhekk is-Sindku nformat kemm lil Transport Malta kif ukoll lil Street Media li n-no objection tal-Kunsill kienet qed tiġi revokata, u kienet tat l-approvazzjoni lill-FACES la darba kellhom kuntratt eżistenti.

26.3.22. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li Transport Malta kienu qed jagħmlu eżerċizzju fejn kienu qed jaqilgħu ir-reklamar kollu li ma kienx bil-permess tagħhom. Hija qalet li fost il-bollards li nqalgħu kien hemm dawk ta' Frank Salt. Hija qalet li kellha laqgħa mal-kumpanija dwar dan fejn kien hemm qbil li jirregolarizzaw l-applikazzjoni tagħhom u li jħallsu l-bilanċi pendenti lill-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

26.3.23. Is-Sindku ressqet kwotazzjoni mingħand Lisa Darmanin Demajo ta' Lovin Malta rigward video editing tal-attività ta' Ġenna ta' Ġonna. Il-Kunsill qabel li jmur għall-irħas kwotazzjoni.

26.3.23.1. Il-Viċi Sindku GD nformat li kellha laqgħa sabiex jiġi diskuss il-filming għall-attività kif ukoll xi punti oħra importanti. Hija qalet li kien hemm qbil li ma jkunx hemm focus fuq in-nightlife. Hija qalet li għandha terġa' tinżamm laqgħa oħra dalwaqt. Id-DSE qal li l-events coordinator għandu jiltaqa' magħhom sabiex juri l-postijiet t'interess li hemm fil-lokalità u li ser jintużaw għall-filming. Ġiet diskussa wkoll il-possibbiltà li jsiru sottotitoli sabiex il-filmati jkunu jinftehmu bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

26.3.24. Is-Sindku nformat li kellha laqgħa mal-GHRC li kienu offrew lill-Kunsill li kienu lesti jiffinanzjaw arbli li jimmarkaw id-direzzjoni ta' postijiet prominenti fil-lokalità. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jinformahom kemm-il arblu hemm bżonn.

26.3.25. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand il-Community Police li esprimew ix-xewqa jagħmlu clean up day. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li minħabba li bħalissa l-attivitajiet ma kienux rakkomandati, għandu jżomm din it-talba pendenti. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu javviċina lil ta' Żibel Malta li kienu qed jagħmlu attivitajiet ta' clean up fil-baħar.

26.3.26. Is-Sindku DSH qalet li l-Pulizija kienu ssuġġerew li jsiru kameras ta' sigurtà ħdejn il-Young Falcons Club kif ukoll ħdejn il-Floriana Hockey Club. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

26.3.27. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kienet tkellmet mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-possibbiltà li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru online minħabba s-sitwazzjoni preżenti. Is-Sindku qalet li kienet informata li l-laqgħat riedu jsiru fid-Dar tal-Kunsill biss kien qed isir survey mill-AKL f'dan ir-rigward li għandu jiġi preżentat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 26.4 RAPPORTI

26.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 26.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

26.5.1. Il-Kunsilliera JP nformat lill-Kunsill li kienet iltaqgħet ma' waħda mill-cat feeders li kienet talbet li jsiru numru ta' cat cafés ġodda. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li ma kienx possibbli li jkun hemm sitt cat cafés ġodda. Is-Sindku irreferiet għall-iskema tal-Animal Welfare u qalet li l-Kunsill seta' jieħu xi finanzjament minn din l-iskema.

26.5.2. Il-Kunsillier VB qal li waqt il-laqgħa tal-Community Police kien qajjem punt sabiex isiru sinjali fit-triq fi Triq il-Mall c/w Triq Vincenzo Dimech sabiex jiġi evitat xi inċident. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier VB sabiex jieħu din il-materja f'idejh u jipproċedi ma' Transport Malta.

## 26.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

26.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 26.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

26.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 17/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

26.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsillier VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

26.7.1.2. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill li kien ser jastjeni minn pagament nru 13 minħabba konflitt t'interess.

26.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru.

26.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsillier VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-lista tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 26.8 **Proġett KG5**

26.8.1. Is-Sindku qalet li x-xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ kien beda' iżda minħabba l-ħsara li kienet saret bl-għeruq tas-siġar kellu jinżel iktar fond milli oriġinarjament maħsub.

26.8.2. Is-Sindku nformat ukoll li x-xogħol fuq l-arbli tad-dawl kien miexi wkoll u kien għad fadal biss li l-kumpanija l-oħra tqabbad id-dawl u tgħaddi l-wiring neċessarju.

26.8.3. Is-Sindku qalet li kienet talbet lill-Perit jikkomunika mal-kuntrattur tal-kameras sabiex jgħaddi l-wiring tal-kameras kif kien għad hemm iċ-ċans.

26.8.4. Is-Sindku qalet ukoll li kienet tkellmet mal-Perit dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-piċċ sintetiku. Huwa kien informaha li dawn kienu qed jiġu finalizzati u għandhom jitressqu quddiem il-Kunsill f'qasir żmien sabiex tkun tista' tiġi approvata is-sejħa għall-offerti. Is-Sindku qalet li kollox jindika li sa Marzu 2021, il-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V għandu jiġi finalizzat ħlief għall-piċċ sintetiku.

## 26.9 **Dawl tal-Milied**

26.9.1. Is-Sindku qalet li kien qed jiġi installat id-dawl tal-Milied.

26.9.2. Il-Kunsillier VB staqsa meta ser jiġu rranġati l-bozoz ta' Triq Sant'Anna. Is-Sindku qalet li kien hemm qbil mil-Kunsill li dawn ma jiġux irranġati għalissa minħabba li l-ispiża kienet sostanzjali. Il-Kunsill qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill.

## 26.10 **Punti mqajma mill-laqgha tal-community policing**

26.10.1. Is-Sindku nformat li din il-materja kienet diġà ġiet diskussa preċedentement.

## 26.11 **Progett LC Animal Welfare**

26.11.1. Is-Sindku nformat li l-Kunsill kien applika għall-cat cafés, għan-neutering u anke għall-vouchers tal-ikel. Hija qalet li kienet bagħtet talba għall-kwotazzjonijiet għan-neutering u

kienet intagħżlet l-irħas offertà. Fir-rigward tal-vouchers dawn kienu lesti u jibdew jinġabru mill-Kunsill.

26.11.2. Is-Sindku qalet li kien hemm persuna li tieħu ħsieb il-qtates u li offriet l-għajnuna tagħha billi avviċinat lill-cat feeders tal-Floriana biex ikellmuha jekk ikollhom xi qtates għan-neutering.

26.11.3. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier VB dwar il-cat cafés u nformaha li l-kuntrattur li kien ħadimhom qabel ma setax jaħdem bħalissa. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jsib xi ħadd ieħor li jkun jista' jagħmel il-cat cafés mitluba.

26.11.4. Fir-rigward tal-vouchers tal-ikel, is-Sindku qalet li kienet bagħtet għall-kwotazzjonijiet iżda sa dakinhar kien għad ma kellix risposta. Hija qalet li għandha terġa' tibgħat lil xi kumpaniji oħra.

26.11.5. Is-Sindku qalet li l-applikazzjoni kien qed jieħu ħsiebha l-eks Aġent Segretarju u peress li d-data ta' skadenza kienet qed toqrob, kienet ħadet deċiżjoni li tidħol fiha hi personalment.

26.11.6. Id-DSE talab lill-Kunsilliera JP sabiex l-għada titkellem miegħu rigward il-cat cafés. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill irid ikun eżawrixxa l-fondi sal-aħħar ta' Diċembru.

## 26.12 LAQGHA ANWALI TAL-LOKALITA'

26.12.1. Is-Sindku informat lill-Kunsill li kienet talbet direzzjoni lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-laqgħa Annwali tal-Lokalità in viżta tal-pandemija preżenti. Hija qalet li kollox jindika li din trid issir xorta waħda. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir nhar il-15 ta' Diċembru fis-7pm. Is-Sindku fakkret lill-kunsilliera sabiex dakinhar jippreżentaw ir-rapport tal-ħidma tagħhom matul l-aħħar sena.

## 26.13 BUS SHELTERS

26.13.1. Is-Sindku nformat li din il-materja kienet ġiet diskussa preċedentement.

## 26.14 SKEMA- SLOW STREET

26.14.1. Is-Sindku DSH qalet li bħalma ntqal qabel, il-perit għadu jrid jibda' l-istudju tiegħu fir-rigward ta' dan il-proġett.

26.14.2. Il-Kunsillier VB ressaq proposta biex il-Kunsill jikkunsidra li jagħlaq l-aċċess tal-vetturi għal Triq Sant'Anna għal ġurnata fi tmiem il-ġimgħa biex b'hekk tkun miftuħa għan-nies.

## 26.15 FINANZJAMENT TA PROGETTI KAPITALI-ACCESIBILTA U MOBILTA

26.15.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal dan il-proġett fejn il-Kunsill kien iddeċieda li japplika sabiex ikollu vettura elettronika. Is-Sindku nformat li kienet talbet lill-istaff iġib il-kwotazzjonijiet neċessarji sabiex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi bl-applikazzjoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 26.16 NORWEGIAN FUNDS

26.16.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-Perit kien qed jaħdem fuq l-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex il-Kunsill ikollu lift intern u ieħor estern. Id-DSE staqsa min kien qed jamministra l-fondi u s-Sindku nformatu li l-amministratur tal-fondi kien is-Sur Kenneth Brincat.

## 26.17 QUARTERLY FINANCIAL REPORT

26.17.1. Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-quarterly financial report. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tar-rapport, issekondata mill-Viċi Sindku GD, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 26.18 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

26.18.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.00pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-15 ta' Diċembru fil-5pm.

**Konfermati, illum It-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020**

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Davina Sammut Hili<br>Sindku | Kevin Borg<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |